32004D0670

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-8 ta' Ġunju 2004

li taħtar membru wieħed Awstrijak u membru wieħed supplenti Awstrijak tal-Kumitat tar-Reġjuni

(2004/670/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 263 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Awstrijak,

Billi:

(1) Fit-22 ta' Jannar 2002 il-Kunsill adotta Deċiżjoni li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjunis [1].

(2) Il-post ta' membru u l-post ta' membru supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni saru vakanti wara l-iskadenza tal-mandati tas-Sinjur Jörg HAIDER, membru, u tas-Sinjur Adam UNTERRIEDER, membru supplenti, li dwarha l-Kunsill ġie notifikat fl-10 ta' Mejju 2004,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

Dawn li ġejjin huma b'dan maħtura membri tal-Kumitat tar-Reġjuni:

(a) bħala membru:

Is-Sinjur Jörg HAIDER

Landeshauptmann

(b) Is-Sinjur MARTINZ

biex jieħu post is-Sinjur Adam UNTERRIEDER

għall-bqija tal-mandat tagħhom, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2006.

Magħmula fil-Lussemburgu, nhar it-8 ta' Ġunju 2004.

Għall-Kunsill

Il-President

M. McDOWELL

[1] ĠU L 24, tas-26.1.2002, p. 38.